kawża li jibqgħu a karigu ta' l-istess intervenut u bl-imgħax legali mid-data ta' din id-deċiżjoni sal-ħlas effettiv.

---

**8 ta' Novembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.S.Hist.S.**

Il-Qorti

*versus*

Joseph Mangion

**Disprezz Lejn l-Awtorità tal-Qorti - Għeluq ta' Bieb**

*Ma jistax ikun hemm att ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti meta l-konvenut ma jagħlaqx bieb kif ordnat lilu f'sentenza waqt li fl-istess sentenza l-atturi huma awtorizzati jagħlqu huma stess il-bieb a spejjeż tal-konvenut fil-każ li dan ma jottemperax ruħu ma' l-ordni tal-Qorti.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha, fuq ordni ta' din il-Qorti diversament ippresjeduta l-konvenut Joseph Mangion ġie mħarrek biex jgħid għaliex ma għandux jiġi kkundannat bħala ħati ta' disprezz għall-Awtorità ta' dina l-Qorti għall-finijiet preskritti bid-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u

Proċedura Ċivili (Kap. 12) u dana billi l-istess Joseph Mangion ma obdiex l-ordnijiet *tas-sentenza tal-25 ta'* Settembru, 1979 wara l-kawża fl-ismijiet **Carmen Mifsud** ***proprio et nomine et vs*** **Joseph Mangion**;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa: (1) illi hu mhux ħati ta' ebda disprezz lejn il-Qorti peress li hu dejjem obda l-ordnijiet tagħha kif ukoll l-ordnijiet mogħtija fis-sentenza tal-25 ta' Settembru, 1979, fil-kawża *fl*-ismijiet **Carmen Mifsud** ***proprio et nomine et vs*** **Joseph Mangion**; (2) illi, kif ġie kkonstatat mill-Perit Richard Aquilina - *il-Perit imqabbad minn dina l-Qorti* - il-bieb li għalih saret referenza qatt ma kien magħluq bil-ġebel; u (3) illi l-Qorti meta tat l-ordni li l-bieb kellu jingħalaq kif kien qabel, u ċjoè bl-injam - u dana jirriżulta ċar peress illi l-kawża msemmija fiċ-ċitazzjoni hija ċitazzjoni numru 152/1977 li kienet kawża ta' spoll u intiża biex il-konvenut iqiegħed kollox fl-istat pristinu;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha eċċepixxa: (1) illi ma kien hemm ebda talba għas-sanzjoni tad-disprezz tal-Qorti fiċ-ċitazzjoni oriġinali u (2) illi Carmen Mifsud ma ppruvatx tesegwixxi s-sentenza tal-25 ta' Settembru, 1979 *bir-rimedji normalment mogħtija mil-liġi* u dana peress *illi* s-sentenza preċitata ġà esegwita u m'hemmx lok għall-ebda provvediment ieħor;

Rat in-nota tal-konvenut ippreżentata fis-16 ta' Ottubru, 1981 (fol. 23 tal-proċess) li biha rtira l-imsemmija l-ewwel *eċċezzjoni tan-nota ta' eċċezzjonijiet* ulterjuri tiegħu;

Rat l-atti l-oħra tal-proċess kif ukoll l-atti tal-kawża fl-ismijiet **Carmen Mifsud** ***proprio et nomine et vs*** **Joseph Mangion**, deċiża fil-25 ta' Settembru, *1979* u dawk tal-kawża fl-istess ismijiet deċiża fl-1 ta' April, 1976;

Semgħet id-difensur tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

B'sentenza mogħtija fl-1 ta' April, 1976, fil-kawża fl-ismijiet **Carmen Mifsud** ***proprio et nomine et vs*** **Joseph Mangion** (Ċitaz. nru. 774/75), din il-Qorti (allura diversament ippresjeduta) wara li qalet *inter alia* li mid-deposizzjoni ta' mart il-konvenut, Ċensina Mangion, kien irriżulta li l-bieb fil-ħajt diviżorju bejn il-fond tmienja u għoxrin (28), Triq San Ġorġ, Ħal Luqa, mikri lill-konvenut u l-fond kontigwu numru disgħa u għoxrin (25) fl-istess triq kien ġie miftuħ billi tneħħa l-ġebel fil-bidu ta' Lulju, 1975, iffissat iż-żmien ta' xahar sabiex kollox jiġi rripristinat fl-istat ta' qabel u nnominat għal dan il-fini lill-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Huntingford biex jidderiġi x-xogħol u awtorizzat lill-atturi li jagħmlu x-xogħol meħtieġ a spejjeż tal-konvenut fin-nuqqas ta' dan li jesegwixxi dak li ġie ordnat fiż-żmien lilu ffissat;

In segwitu għal din id-deċiżjoni l-konvenut għalaq il-bieb bil-ġebel iżda wara xi żmien reġa' fetħu (ara deposizzjoni ta' Indri Mifsud, Tessie Debono u Carmen Mifsud - fol. 8 u 9 tal-proċess tal-kawża hawn taħt imsemmija) u reġgħet saret kawża oħra mill-istess atturi kontra l-konvenut odjern (Ċitaz. nru. 152/1977), fejn - wara li ppremettew li l-konvenut kien qabad u fetaħ bieb jew apertura fil-ħajt diviżorju bejn l-imsemmija żewġ fondi, kif ukoll minbarra l-bieb prinċipali tal-fond numru disgħa u għoxrin (29) - talbu li l-konvenut jiġi kkundannat biex fi żmien qasir u perentorju jagħlaq mill-ġdid kull bieb jew apertura li huwa fetaħ fl-imsemmi diviżorju u jirripristina l-fond numru 29 kif ukoll ineħħi kull imbarrar, xkiel jew firrolli fil-bieb prinċipali ta' l-istess fond numru 29, kif ukoll talbu li fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel l-imsemmi xogħol u jneħħi l-imsemmi mbarrar, xkiel jew firrolli fil-bieb prinċipali, allura

huma jiġu awtorizzati li jagħmlu l-istess xogħlijiet u jneħħu l-istess xkiel a spejjeż tal-konvenut. B'deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' Settembru, 1979, din il-Qorti (allura diversament ippresjeduta) laqgħet it-talbiet atturi u kkundannat lill-konvenut biex *inter alia* fi żmien xahar jagħlaq mill-ġdid kull bieb jew apertura li huwa fetaħ fil-ħajt diviżorju fuq imsemmi taħt id-direzzjoni ta' l-imsemmi Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Huntingford u fin-nuqqas awtorizzat lill-atturi li jagħmlu l-istess xogħlijiet huma stess a spejjeż tal-konvenut taħt id-direzzjoni ta' l-istess Arkitett u Inġinier Ċivili;

B'rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju, 1980, l-imsemmija atturi ssottomettew illi l-konvenut ma kienx għalaq mill-ġdid l-imsemmi bieb minkejja li kien għadda x-xahar fuq imsemmi u għalhekk talbu li jittieħdu kontra l-konvenut il-proċeduri opportuni għad-disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti. Din il-Qorti allura diversament ippresjeduta, b'digriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 1986, ordnat lir-Reġistratur biex joħroġ iċ-ċitazzjoni opportuna;

Ikkunsidrat:

Mid-deposizzjoni ta' Tessie Debono u ta' George Debono tnejn mill-atturi fil-kawża fuq imsemmija deċiża fil-25 ta' Settembru, 1979 jirriżulta li wara li għalaq it-terminu ta' xahar fuq imsemmi huma ma kkomunikaw bl-ebda mod ma' l-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Huntingford sabiex jagħmlu x-xogħlijiet in kwistjoni taħt id-direzzjoni tiegħu kif awtorizzati bl-imsemmija deċiżjoni tal-25 ta' Settembru, 1979. Ma jirriżultax lill-Qorti - anzi mill-imsemmija żewġ atturi jirriżulta proprju l-kuntrarju - illi l-atturi fil-kawża fuq imsemmija deċiża fil-25 ta' Settembru, 1979 ħadu passi - kif kienu awtorizzati li jieħdu fil-każ jgħaddi l-imsemmi terminu ta' xahar inutilment - biex jagħlqu l-bieb in kwistjoni taħt id-direzzjoni ta' l-Arkitett u

Inġinier Ċivili Joseph Huntingford innominat għal dan l-iskop mill-Qorti;

Apparti minn konsiderazzjonijiet oħra li l-Qorti ma tarax il-ħtieġa li tidħol fihom stante dak li sejjer jingħad hawn taħt, din il-Qorti, kif ippresjeduta illum, issibha diffiċli biex tifhem kif jista' jkun hemm att ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti billi l-konvenut ma għalaqx l-imsemmi bieb kif ordnat lilu bl-imsemmija sentenza meta fl-istess sentenza l-atturi kienu awtorizzati jagħlqu huma stess il-bieb a spejjeż tal-konvenut fil-każ li dana jonqos li jobdi l-ordni tal-Qorti li jagħlaq il-bieb fiż-żmien mogħti lilu. Bis-sentenza fuq imsemmija l-atturi ġew awtorizzati li jagħlqu l-bieb huma stess a spejjeż tal-konvenut taħt id-direzzjoni tal-perit innominat mill-Qorti u għalhekk ma jistawx jippretendu li kien hemm xi att ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti meta l-konvenut ma għalqux. Ir-rimedju għan-nuqqas tal-konvenut diġà ġie mogħti lilhom fuq talba tagħhom stess bis-sentenza fuq imsemmija;

Skond il-ġurisprudenza, fil-każ li l-att ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti ma jirriżultax, il-Qorti għandha tillibera lill-konvenut (Kollezzjoni Deċiżjonijiet, Vol. XXX - II - 287, **Il-Qorti *vs* Vidal**, 20 ta' Ġunju, 1939);

Għal dawn il-motivi l-Qorti tillibera lill-konvenut.